# DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL (PESK) 2022/2243

## tal-14 ta' Novembru 2022

## li tniedi l-Missjoni ta' Assistenza Militari tal-Unjoni Ewropea b'appoġġ għall-Ukrajna (EUMAM Ukraine)

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikoli 42(4) u 43(2) tiegħu,

Wara li kkunsidra d-Deċiżjoni tal-Kunsill (PESK) 2022/1968 tas-17 ta' Ottubru 2022 dwar Missjoni ta' Assistenza Militari tal-Unjoni Ewropea b'appoġġ għall-Ukrajna (EUMAM Ukraine) ([1]),

Wara li kkunsidra l-proposta tar-Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà,

Billi:

(1) Fis-17 ta' Ottubru 2022, il-Kunsill adotta d-Deċiżjoni (PESK) 2022/1968.

(2) Fit-8 ta' Novembru 2022, il-Kumitat Politiku u ta' Sigurtà qabel li jenħtieġ li jiġi approvat il-Pjan tal-Missjoni għal EUMAM Ukraine.

(3) Wara r-rakkomandazzjoni tal-Kmandant tal-Missjoni tal-UE għal EUMAM Ukraine, EUMAM Ukraine jenħtieġ li titnieda fil-15 ta' Novembru 2022,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

*Artikolu 1*

Il-Pjan tal-Missjoni għal EUMAM Ukraine huwa b'dan approvat.

*Artikolu 2*

EUMAM Ukraine għandha titnieda fil-15 ta' Novembru 2022.

*Artikolu 3*

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fid-data tal-adozzjoni tagħha.

Magħmul fi Brussell, l-14 ta' Novembru 2022.

*Għall-Kunsill*
*Il-President*
J. BORRELL FONTELLES

([1]) ĠU L 270, 18.10.2022, p. 85.